Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 15 – It-Tnejn, 22 ta' April, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 14, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Ftuh tat-Tenders** - ***Street Sweeping and Cleaning***

   Saviour Azzopardi - €23,900

   Sharlon Mercieca - €25,944.28

   Diego Ciela - €22,361

   Nicholas Zammit - €20,495

Il-Kunsill iddecieda li jiltaqa` nhar it-Tnejn, 29 t'April, 2013 biex jiġu evalwati dawn it-*tenders* u tittieħed deċiżjoni fuq l-għotja tal-offerta.

## 4. Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku

- 27 Marzu saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill mal-koordinatur għal-Kunsill Lokali fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex, is-Sur Philip Vella. Tul din il-laqgħa ġew diskussi; *tarmac* fit-Triq tal-brieghen u il-parti li fadal mit-Triq Cordina, il-Bajja tax-Xatt l-Aħmar u it-taraġ, u blat perikoluż li qed jaqa` min taħt Chambray għal ġol-bajja kif ukoll blat ieħor li qed jaqa fi Triq Mġarr fejn hemm il-*Bus Shelter*, passaġġ alternattiv għal-bajja tax-Xatt l-Aħmar mill-port tal-Imġarr, proġett Ta' Passi, grownd tal-football, u sistema ta' kalendarju kulturali.
- 27 Marzu - laqgħa mal-kenniesa flimkien ma' Laurie Zammit – il-Kunsill kollu qabel li huwa diżappuntat bis-servizz tal-knis li qed jofri l-KIP Ltd.
- 29 Marzu – sar rapport fil-Kunsill li tkissru l-ħwat f'Ta Passi u tkissru l-kapitelli min fuq iċ-ċint fit-Triq Imġarr
- insterqet l-mogħża li kienet tqila minn Ta' Passi u qed jintefa' iż-żibel f' Ta' Passi. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir bollard li jissakkar bil-katnazz. Il-Kunsill qabel ma dan.
- 4 April saret laqgħa ma' Alison Camilleri mill-MEUSAC rigward l-applikazzjoni fuq il-*youth in action*. Is-Segretaru Eżekuttiv qalet li għal din il-laqgħa attendew iż-żgħażagħ Daphne Xuereb, Edera Nugent u Antonella Grima fejn huma lesti li jgħinu lill-Kunsill fl-applikazzjoni u jieħdu ħsieb il-grupp minn Tolfa meta jiġu f'Għajnsielem.
- Avvizi tal-iskart – is-Sindku qal li dan wasal għand ir-residenti kmieni l-gimgħa li għaddiet. Is-Sindku għamel proposta fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex jagħtu warden pajżan lil-Kunsill biex idur ir-raħal u fejn jara lil xi resident joħroġ il-borża tal-iskart mhux skont il-ħin stipulat jimmultah. Il-Kunsill qabel li jitqabdu żewġ *Green Wardens* għal ftit siegħat għal dan l-iskop.
- 10 April – laqgħa mal-Għaqdiet tar-raħal rigward l-applikazzjoni għal fondi fuq attivita kulturali tal-Festival. Franco Ciangura spjega li wara din il-laqgħa saru diversi korrispondenzi mal-Gozo Action Group, biex jingħataw aktar direzzjoni fuq dan il-programm. Jidher li l-programm huwa miktub għal-festival tradizzjonali, bil-palk, sound, etc., fejn l-ideja tal-Kunsill għal din l-applikazzjoni m'hix eliġibli. Il-Kunsill qabel li jiġu nformati l-għaqdiet b'dawn l-iżviluppi.
- 17 April saret laqgħa fil-MGOZ wara stedina mill-MTA lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu diskussi l-preparamenti għas-sajf 2013 fil-bajjiet. Għal-din il-laqgħa kienu mistiedna ukoll, il-Kunsilli taż-Żebbuġ, Munxar, u Xagħra. Tul din il-laqgħa s-Sindku semma` l-problemi li jkun hemm fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar kif ukoll fuq Kemmuna.
- Rapport li l-*Merry Go Round* fil-playingfield Amabile Cauchi ġiet ivvandalizzata. Is-Sindku qal li s-*CCTV camera* għandhom jiġu nstallati dalwaqt u l-gimgħa d-dieħla kien ser jitlesta xi xogħol ta' *trenching* li kien fadal isir fil-playingfield.

- Traffic Management fiż-żona tal-Gudja – inqalet problema li TM ma għandhomx persuni tekniċi li jafu jipplotjaw l-pjanta fuq is-sit. Għalhekk, is-Sindku qal li huwa kellem lill Eddie Mercieca biex jagħmel dan ix-xogħol u jimmarka fejn iridu jiġu s-sinjali. Pero, x'ħin Eddie Mercieca mar fuq il-post, irrealiżża li l-pjanta tal-perit Scerri ma taqbilx mal-kejl propja fuq il-post u għalhekk hemm bżonn li jsir survey diġitali kif suppost u wara jiġu mmarkati s-sinjali fuq dan is-survey. Dan jiswa €160. Il-Kunsill approva din l-ispiża.
- Ktieb ta' Cliffford Vella, *Places of Interest in Gozo* – il-Kunsill approva li jinxtraw 4 kotba għal-librerija.
- Laqgħa għal-Organizzazzjonijiet Volontarji f'Għajnsielem organizzata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat nhar is-6 ta' Mejju. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jitqassam invit lil kull għaqda fir-raħal.
- Belvedere fit-Triq Hamri – is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lill-preżenti jekk fil-pjan ta' tisbiħ fuq il-Belvedere issirx CCTV. Il-Kunsill qabel li għalissa jipprepara l-pajpijiet, iżda ma ssirx CCTV. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm WIFI spot hemmhekk. Franco issuġġerixxa li jkun hemm *live camera* fuq il-Belvedere li turi l-Port tax-Xatt. Il-Kunsill qabel li tinġab stima u x'hemm bżonn li jsir. Franco qal ukoll li malli jiġi approvat dan il-proġett mill-MEPA, issir *information board* u sessjoni ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-viċin.
- Il-Kunsill irċieva l-*iscreening letter* fuq l-applikazzjoni tax-Xatt l-Aħmar – il-perit issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-MEPA qabel jiġi mħallas il-kont.
- Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi TM f'Għawdex qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill nhar it-30 t'April, fl-10am dwar is-servizz tal-Arriva. Il-Kunsilliera Peter Caruana u Larry Buttigieg qalu li se jattendu għal din il-laqgħa flimkien mas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

## 5. Kuntest Olimpiadi della Cultura

Is-Sindku tkellem fuq iż-żjara f'Tolfa fejn flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna mil-Kunsill ta' Tolfa għal-finali ta' din il-kompetizzjoni. Fil-finali kien hemm 30 grupp ta' sitt studenti, fejn fuq perjodu ta' jumejn dawn il-gruppi pparteċipaw fuq kompetizzjoni ta' tagħrif fuq il-kultura Taljana, drama, palk, video, etc. Il-grupp rebbieħ kien mil-lokalita` ta' Bari li bħala premju rebaħ mawra għal Għajnsielem fl-aħħar ġimgħa t' Awwissu li ġej fejn il-Kunsill se jħallas kors tal-Ingliż ta' ġimgħa għal dawn l-istudenti. Għal din l-okkazzjoni is-Sindku ġie mistieden biex jippreżenta t-*trophie* lil-rebbieħa.

## 6. Proġett *Green Infranet*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-laqgħa bejn il-*partners* li jmiss se tkun f'Għajnsielem, nhar il-24 u l-25 t'April. Il-programm se jinżamm fil-Grand Hotel filgħodu, u wara nofs inhar, darba *study visit* fid-Dwejra u darba fis-sala tal-Kultura fiċ-Ċittadella. Is-Sindku appella biex l-Kunsilliera jattendu għad-*dissemination event* li se ssir nhar l-Hamis fil-għodu, fejn ser ikun hemm ukoll mistednin diversi *stakeholders* biex jattendu.

**7. Approvazzjoni tal-Accounts Awditjati**

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni l-accounts wara li saru xi emendi fuqhom mill-Awditur, qabel ma jintbagħtu lill-NAO. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

**8. Skema tad-dizabilita`**

Il-Kunsill qabel unanimament li sakemm ikollna aktar żviluppi u direzzjoni min naħħa tal-Ministeru responsabbli għal din l-iskema, il-Kunsill ma jaħtar l-ebda mpjeġat. Dan għaliex hemm probabilta` li l-Kunsill ma jiġix mħallas lura tal-paga li dan l-impjegat se jieħu, skond kif kien sar il-ftehim oriġinali.

**9. Mozzjoni Stephen Mercieca**

"Nixtieq nitolbok sabiex iżżid fuq l-aġenda din il-mozzjoni tiegħi fejn qed niproponi li tiġi meħudha deċiżjoni finali rigward il-ftuħ tal-post t'Assitant Principal fi ħdan il-Kunsill".

Din il-Mozzjoni ġiet sekondata minn Larry Buttigieg.

Is-Sindku qal li dan is-suġġett kien diġa ġie diskuss f'Diċembru 2012, fejn il-Kunsill kien iddeċieda li dan il-post ma għandux jinfetaħ għalissa.

Larry spjega li huwa ssekonda din il-mozzjoni bir-raġunament li l-Uffiċjal Eżekuttiv tnaqqas mix-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv u b'hekk din tkun tista tiffoka aktar fuq xogħol tal-Kunsill u fuq proġetti tal-EU.

Madanakollu, s'issa l-Kunsill qed jinnota li m'hemmx xogħol kontinwu fuq proġetti tal-EU u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv tinformah meta tħoss li għandha bżonn l-għajnuna t' Assistent Principal. Il-Kunsill qabel li jinkoraġġixxi lil uffiċċjal eżekuttiv tingħata aktar xogħol u tipparteċipa ukoll f'xi programmi ta' taħriġ. Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll li hi tista tieħu inizjattiva fuq programmi għall-fondi tal-EU.

**10. Tisbiħ fit-Triq Chambray**

Is-Sindku wera l-pjanti li għamel il-perit Godwin Sultana fuq it-tisbiħ fil-kantuniera ta' ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill u fit-taraġ li hemm ħdejn il-każin tal-Banda li jinfed għal-Pjazzetta 10 ta' Diċembru. Il-preżenti qablu ma dawn il-pjanti. Is-Segretarju Eżekuttiv se tieħu ħsieb tinforma lill-perit b'dan sabiex ikun jista' jmexxi għall-applikazzjoni għal-fondi mill-UIF.

**11. Materji Oħra**

- Peter Caruana
  - Fanali miftijin fil-belvedere ta' Triq Hamri u fil-*playing field* Father. Hersey – jiġu rraportati

- Vitin fil-latrina fil-pjazza Madonna ta' Loreto għandhom bżonn manutenzjoni – is-Segretarju Eżekuttiv se tieħu ħsieb x'hemm bżonn li jsir.
- Titneħħa l-kaxxa tad-*disabled* fit-Triq Hamri li kienet saret għas-Sinjur Salvu Debattista għaliex m'għadhux magħna.
- Isir manutenzjoni fil-bankijiet tat-Triq Sant Antnin kif ukoll fir-*railing* li hemm fit-Triq Mgarr ħdejn ta' Karkanja. – Il-Kunsill qabel li jintbagħat dan is-suġġeriment lis-CMU.

Franco Ciangura

- Jiġu nstallati 2 bins fin-niżla ta' Lourdes – il-Kunsill approva li tinxtara bin wieħed bi prova
- Nitolbu lir-radju Lauretana biex f'iskeda li jmiss tingħata siegħa f'ġimgħa biex il-Kunsill ikun jista' jsemma leħnu mar-residenti. Il-Kunsill kollu qabel li din tkun idea tajba pero s-Sindku kien tal-fehma li peress li hemm il-kwistjoni tal-Pjazza mal-Arċipriet, ma jkunx xieraq li l-Kunsill jiġi msaqsi xi mistoqsijiet *live* mir-residenti fuq il-Pjazza u jew ma jkunx jista' jwieġeb kif jixtieq jew jekk iwieġeb bil-verita jista' jittieħed li qed ixewwex lir-residenti kontra l-Knisja. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku u ddeċieda li aħjar ma ssirx din it-talba lir-Radju.

Stephen Mercieca

- Isir xi *maintance* fuq it-taraġ ta' Ġardun – Peter Caruana semma li dan qed jitranġa mill-Ministeru għal Għawdex.

Larry Buttigieg

- Kulleġġ ta' Stella Maris ħareġ bil-proposta ta' *heritage trail* fuq Kemmuna li jaqgħdu ż-żoni ta' interess li hemm fuq Kemmuna. Huma lesti li jfasslu dawn il-billboards volontarjament iżda qed jitolbu lill-Kunsill biex jikkolabora fil-boards ta' informazzjoni. Is-Sindku qal li probabilment hemm bżonn il-permess tal-MEPA biex jitwaħlu dawn il-boards u importanti ukoll li ninfurmaw lill-MGOZ. Il-Kunsill qabel ukoll li hi fir-responsabilita tal-Ministeru li jagħmel dan ix-xogħol. Madanakollu, il-Kunsill qabel li Larry Buttiġieġ jikkuntatja lill-Kulleġġ Stella Maris fejn jagħrfu li l-Kunsill jappoġġja dan l-istudju u qiegħed jara x'permessi hemm bżonn biex jitwaħħlu dawn il-boards.
- Isir *single yellow line* quddiem ir-residenza ta' Joseph Xuereb fit-Triq il-Ġnien biex ikun jista joħroġ mill-garaxx – approvata
- Laqgħa mal-MEPA rigward il-proġett tal-grownd – ġew diskussi l-ideat tal-Kunsill u tal-Klabb tal-Football rigward il-proġett tal-grownd u l-proġett Ta' Passi. Il-MEPA qalet li tapprezza l-Progett Ta' Passi u hi favur Bethlehem f'Għajnsielem. Il-MEPA ssuġġeriet li ssir applikazzjoni waħda tal-grownd u Ta' Passi. Is-Sindku spjega li din ma tistax issir bil-Ligi tal-Kunsilli Lokali

peress li l-ground hu art privata. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa nhar it-Tnejn 29 t'April, bejn il-kumitat tal-football u l-Kunsill flimkien maż-żewġ periti biex jiġi diskuss dan il-każ.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju fis-3.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-11.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv